MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1170/2004

**APS Bank Limited**

**vs**

**Franco Scicluna**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta’ Gunju, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tmien liri u sitt centezmi (Lm808.06) dovuti kwantu ghas-somma ta’ Lm787.61 bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti numru 12721730017 u kwantu ghas-somma ta’ Lm20.45 bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti numru 20000098506; u dana oltre l-imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru, 2003.

Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta’ tmien mija u tmien liri u sitt centezmi (Lm808.06).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-Avviz tat-Talba u bl-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u tmien liri Maltin u sitt centezmi (Lm808.06), bl-imghax ulterjuri pagabbli mid-data tal-31 ta' Dicembru, 2003 sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------